# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Novembru, 2001

## Avviz numru : 38/2001GT(GM)

**SMS Insurance Agency Limited**

**vs**

**Joseph Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz tat-talba:**

**"Il-konvenut kien ha minghand is-socjeta' attrici polza ta' assikurazjoni kontra riskji u dan skond invoice numru 07252 li kopja taghha tinsab hawn annessa.**

**Illi ghada dovuta lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u dsatax il-lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm319.43) rapprezentanti hlas ghal istess polza.**

**Illi minkejja diversi talbiet il-konvenut that pretest jew iehor naqas li jhallas.**

**Ghalhekk qed isiru dawn il-proceduri ghall-hlas ta' din is-somma flimkien ma l-imghaxijiet mit-3 ta' Jannar 1997 sad-data tal-hlas, relattiv u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali spedita f'Lulju 2000."**

**Ra r-risposta tal-konvenut:**

**"Illi s-socjeta' attrici ma kellha ebda dritt illi unilateralment u minghajr struzzjonijiet bil-miktub minghand il-konvenut iggedded u tirrinova poloz ta' assikurazzjoni fl-interess tal-konvenut. Ghall-kuntrarju il-prattika hija u kienet minn dejjem illi l-poloz ta' assikurazzjoni jigu rinnovati biss wara li l-assikurat ikun hallas il-premiums relattivi. In effetti il-konvenut qatt ma ta struzzjonijiet lill-attrici sabiex iggedded dawn il-poloz ta' assikurazzjoni u lanqas qatt in effetti gedded dawn il-poloz. Per konsegwenza is-socjeta'**

**attrici ma ghandha ebda dritt illi tesigi il-hlas ghal dawn il-*premiums* minghand il-konvenut."**

**Ikkunsidra**

**Illi r-rapprezentanti tas-socjeta' attrici ma dehru ghall-ebda wahda mill-erba' seduti mizmuma u cioe' dawk tas-6 ta' Novembru 2001, tat-22 ta' Novembru 2001, tad-29 ta' Novembru 2001 u dik tallum;**

**Ra l-artikolu 13(a) tal-Att ta' Kap 380;**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jirrigetta l-kawza, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**